# L-ABBATINI L-BIERAĦ U LLUM

**Fra Leo Maria Ciantar OFM**
**Direttur ta' l-Abbatini**

Fil-passat l-abbatini tal-Parroċċa tagħna kienu jagħmlu dak li jagħmlu abbatini ta' Parroċċi oħra. Pero' kull Parroċċa kien ikollha t-tradizzjonijiet tagħha. L-abbatini fil-Knisja għandhom l-importanza tagħhom. L-abbati għandu l-funzjoni tiegħu, mhux biss li jservi, imma wkoll li jieħu sehem b'mod sħiħ fil-funzjonijiet u ċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru fil-Knisja u barra l-Knisja.

Minn esperjenzi ta' nies li kienu abbatini fil-passat, jiġifieri aktar minn erbgħin sena ilu qaluli x'kienu jagħmlu, u huwa ferm interessanti, allura issa ser nitkellmu xi ftit x'kien isir dak iż-żmien tagħna.

L-abbati kień jakkompanja lis-saċerdot fit-tqarbin tal-morda fid-djar, kif ukoll kien jieħu sehem attiv fil-vjatku solenni li kien isir fiż-żewġ Ħdud ta' wara l-Għid. L-għajnuna tal-quddiesa kienet totalment differenti minn dik tal-lum. L-ewwel ħaġa l-quddiesa kienet bil-Latin u allura mela r-risposti kienu bil-Latin bħal ngħidu aħna il-Kyrie, confiteor, is-suscipiat etc... Roster ma kienx jeżisti. Imma kienu jiġu hawn fil-Knisja mal-5.30 a.m. u l-quddiesa kienu jgħinuha bis-sistema ta' "first come first serve". Quddies kien jitqaddes ħafna, kien jibda mill-ħamsa sat-tmienja ta' filgħodu, kull nofs siegħa u kien jitqaddes ħafna quddies fl-artali laterali.

Fost il-Ġimgħa il-quddiesa kienu jgħinuha bla spellizza imma l-Ħadd le. Pero' l-quddiesa tas-7.30 a.m. kien igħinha kulħadd bl-ispellizza għaliex dik kienet il-quddiesa Konventwali. Kull nhar ta' Ħadd għall-ħabta ta' l-4.00 p.m. kienu jattendu għall-lezzjoni tal-Katekiżmu li kien jagħmilha l-Kappillan. Għal din il-lezzjoni l-abbatini kienu joqogħdu quddiem u wara ħafna rġiel u nisa.

Fil-funerali kienu jagħtu is-sehem taghom ukoll. Kienu jmorru mal-Patri fuq il-karozzella biż-żwiemel mid-dar tal-mejjet saċ-ċimiterju. Għal din ir-raġuni kienu jmorru tard l-iskola u għalhekk il-Kappillan kien jikteb karta biex it-teacher tiskużahom u kien jagħtihom ukoll sikspenz, jiġifieri żewġ ċenteżmi u ħamsa ta' llum.

Fl-imgħoddi l-priedki ma kienux isiru waqt il-quddies imma kienu

jsiru ħafna paniġierki, għalhekk l-abbati kien jakkompanja lis-saċerdot minn fuq il-presbiterju għal fuq il-pulptu u joqgħod jistennih jispiċċa bilqegħda fuq l-ewwel tarġa tal-pulptu. Kienu jieħdu sehem ukoll fil-purċissjonijiet kollha bħal ta' San Franġisk, Madonna tas-Sacro Cuor, Corpus Christi, Qalb ta' Ġesu', Vjatku u ta' Fatima. L-istess fil-funzjonijiet bħal m'huma l-Għasar, quddies kantat Matutin u Laudi tal-festa. Meta l-Provinċjal kien immexxi l-funzjoni kienu jiġu jassistuh l-istudenti tal-Provinċja.

Illum l-abbatini tal-parroċċa tagħna jissejħu ABBATINI FRANĠISKANI u jiltaqgħu kull nhar ta' Sibt filgħaxija bejn l-4.30 u s-6.00 fiċ-Ċentru Sant'Antnin fi Triq San Ġwann Battista. L-abbatini tagħna kull xahar joħorġu fuljett ta' tmien faċċati bl-isem QRIB L-ALTAR. Ikollhom diversi attivitajiet bħal ħruġ flimkien u vaganzi flimkien Għawdex jew vokazzjonali li jiġu organizzati mill-għaqda vokazzjonijiet Franġiskani. Kull sena jkollhom jum iddedikat lilhom, dan ikun dejjem 1 ta' Ottubru għaliex dakinhar saret l-ewwel vestizzjoni ta' l-Abbatini.

Jieħdu sehem ukoll fil-quddies kemm ta' matul il-ġimgħa, kif ukoll tal-Ħdud u fil-proċissjonijiet. Meta jkunu jistgħu għall-funerali u fil-funzjonijiet il-kbar bħal dawk tal-festi jagħmlu huma s-servizz. Il-laqgħat li jkollhom kull nhar ta' Sibt ikunu ta' formazzjoni u talb flimkien.

Kull sena f'isem il-Kummissjoni festi bil-għajnuna wkoll tas-Sur Tony Terribile u s-Sur Raymond Gauci jorganizzaw kompetizzjoni fil-festa tal-Madonna tas-Sacro Cuor għall-isbaħ tieqa u gallarija armati fil-jiem tal-festa. Din is-sena wkoll se terġa' tiġi organizzata din il-kompetizzjoni.

Issa minn qalbi u f'isem l-Abbatini Franġiskani tal-Parroċċa tagħna nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li jagħtu l-għajnuna tagħhom lill-Abbatini. Lil dawk li jieħdu ħsieb il-lotterija kemm dawk ta' kull nhar ta' Sibt, kif ukoll it-tliet lotteriji kbar ta' matul is-sena. Lill-benefatturi kollha li għandhom għal qalbhom l-abbatini tagħna. Grazzi kbira lid-Djakonija tfal tal-Parroċċa ta' l-għajnuna li hi tagħti f'kull attivita' li jkollhom l-abbatini. Lill-abbatini tas-servizz li matul is-sena kollha jagħtu b'imħabba, ħa jkompli jbierek lilkom il-Mulej u lill-familji tagħkom kollha. L-aħħar mhux l-anqas lill-P. Kappillan l-P. Gwardjan u l-Patrijiet tas-support li l-abbatini dejjem sabu fihom.